MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2007

Numru 1001/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Walter Spiteri)**

**vs**

**JULIAN CHARLES CESARE**
**JOSEPH GALEA**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Julian Charles Cesare ta’ 18 il-sena, bin Julian u Carmen nee’ Ghigo, imwieled Pieta’ fit-28 ta’ Gunju, 1988 u residenti Blokk 4, Flat 1, Appartament tal-Karwija, Hal Kirkop. ID. No. 293188M;
Joseph Galea ta’ 16 il-sena, bin missier mhux maghruf u Salvina Galea, imwieled Pieta’ fil-15 ta’ Gunju, 1990 u

residenti Blokk 1, Flat 5, Triq Danny Cremona, Kirkop gew akkuzati:

Talli fis-16 ta' Gunju, 2005 f'Hal-Kirkop, ikkommettew serq ta' sterjo minn karozza tal-linja DBY-412, liema serq hu kwalifikat bil-valur li ma jeccedix mitt liri, bil-mezz, hin u ix-xorta tal-haga misruqa. Akkuzati ukoll talli fis-16 ta' Gunju, 2005, f'dawn il-gzejjer, xjentement laqghu ghandhom sterjo misruq, mehuda b'qerq u ndahlu sabiex ibieghuh jew imexxuh.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok WS3 u nnutat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li t-tieni akkuza fil-konfront taz-zewg imputati li tirrigwarda ricettazzjoni hija akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza li tirrigwarda serq u ghaldaqstant talab lill-Qorti li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza.

Innutat li l-imputati fl-ezami taghhom wiegbu li huma hatja tal-ewwel akkuza migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati regghu wiegbu li huma hatja tal-ewwel akkuza migjuba kontra taghhom.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputati kkoperaw bis-shih mal-Pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront taz-zewg imputati l-artikoli 261(b), (f) u (g), 263, 270, 271, 278 (3), 281 (b) u 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputati Julian Charles Cesare u Joseph Galea, fuq ammissjoni, hatja tal-ewwel akkuza migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-proceduri u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputati kkoperaw bis-shih mal-Pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata u l-eta' tenera tal-imputati, tillibera lill-istess imputati Julian Charles Cesare u Joseph Galea taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Rigward ghat-tieni (2) akkuza migjuba fil-konfront taz-zewg imputati li tirrigwarda ricettazzjoni, fid-dawl ta' dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din l-akkuza kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Julian Charles Cesare u Joseph Galea l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------